MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 47/2018

Il-Ġimgħa 20 t' April 2018

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sinjura Maria Saliba – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

## 47.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

47.1.1 Is-Sindku qal illi ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, is-Sinjura Maria Saliba kienet skużata. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-apoloġiji.

## 47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

47.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 44/2018, l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 45/2018 u l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 46/2018 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

47.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

47.2.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina talab għall-korrezzjoni fuq il-minuti 44.3.2 u qal li ħadd ma jista' jgħid li hu qatt ma għamel talba waqt il-laqgħa biex issir din it-triq f'din il-leġislatura.

47.2.4 Is-Sindku għamel punt fuq il-minuti 44.5.12 fejn il-Viċi Sindku talab biex isir *double yellow line* ta' tlett metri quddiem ir-residenza ta' *Kangaroo House* fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku qal li ġie avviċinat mir-resident li joqgħod hemm u qallu li hu qatt ma talab biex isiru dawn is-sinjali. Il-Viċi Sindku wieġeb li l-ilment ma kienx sar lilu mir-resident ta' dik id-dar.

47.2.5 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

47.3.1 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li l-monumnet li qed isir fi Pjazza l-Assunta għandu l-permessi kollha meħtieġa bħalma jsir f'kull proġett ieħor li jagħmel il-Kunsill. Is-Sindku qal li qed jgħid dan biex kulħadd ikun jaf iwieġeb

għall-mistoqsijiet tar-residenti.

47.3.2 Is-Sindku informa lill-membri dwar l-applikazzjoni ta' fondi tal-miżura 4.3 li ġiet aċċettata. L-applikazzjoni kienet saret sabiex isir wiċċ ġdid tal-konkos fi Triq Wied L-Abjad u parti minn Triq Wied l-Infern. Il-Ministeru għall-Affarijiet Ewropej ser jiffinanzja s-somma ta' €315,493.84 filwaqt li l-Kunsill Lokali jrid joħroġ is-somma ta' €58,073.13. Is-Sindku reġa saħaq l-importanza u attenzjoni mill-Kunsilliera dwar proposti li jressqu fid-dawl ta' dawn l-ispejjeż.

47.3.4 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra l-ilmenti kollha relatati mas-sinjali ta' Triq Skapuċċina li residenti għamlu l-Kunsill Lokali.
Ilment 12/2018 – K. Borg
Biex issir *sleeping police* fil-parti d-dejqa ta' Triq Skapuccina.
Ilment 13/2018 – G. Vella
Biex issir *disabled parking* quddiem 'Viva Gesu', Triq Skapuccina.
Ilment 14/2018 – J. Vella
Biex isiru *double yellow lines* quddiem 75, Triq Skapuccina biex ikollu access għall-bieb tal-intrata.
Ilment 15/2018 – A. Zammit
Biex isiru *double yellow lines* metru l-isfel mill-garaxx tiegħu u faċċata tal-garaxx tiegħu biex ikun jista' joħroġ bid-dgħajsa.
Ilment 16/2018 – W. Camilleri
Biex id-*disabled parking* li ser isir quddiem 75, Triq Skapuccina jersaq 2 metri 'il fuq lejn is-Sagħtrija biex ikun jista' joħroġ il-vetturi minn ġo l-isqaq.
Ilment 17/2018 – Z. Camilleri
Biex id-*disabled parking* li ser isir quddiem 75, Triq Skapuccina jersaq 2 metri 'il fuq lejn is-Sagħtrija biex ikun jista' joħroġ il-vetturi minn ġo l-isqaq.

Ma' dawn, is-Sindku poġġa fuq il-mejda wkoll il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Christian Cassar fejn fiha talab sabiex jitneħħew id-*double yellow lines* kollha ta' din it-triq. Is-Sindku qal li għalkemm din il-mozzjoni mhix issekondata, xorta ħass il-ħtieġa li jressaqha għad-diskussjoni minħabba l-importanza tas-suġġett.

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk ġewx avviċinati jew kellhomx kuntatti ma' residenti ta' dik it-triq u fetaħ id-diskussjoni fuq din il-materja.

Il-Viċi Sindku s-Sur Daniel Cordina qal li fil-parti d-dejqa ta' din it-triq ma sarux double lines u ġie avviċinat minn residenta li ma setgħetx toħroġ bil-karozza u

kellha tmur għax-xogħol b'tal-linja. Huwa qal li kellu lment ieħor minn resident is-Sur Anthony Zammit sabiex isir metru *double line* 'il fuq mid-*drive way* tiegħu. Il-Viċi Sindku għamel dikjarazzjoni li huwa kontra l-mozzjoni u jissuġġerixxi li jsiru double yellow lines fil-parti d-dejqa tat-triq minn quddiem ta' Baskal sa quddiem Sqaq l-Andar. Huwa qal li mhux aċċettabli li l-Kunsill ma jieħux azzjoni fuq dawn l-ilmenti.

Il-Kunsillier is-Sur Christian Cassar qal li bid-*double yellow lines* li saru mill-Kunsill Lokali wara l-laqgħa mar-residenti, ikkawżajna ħafna lmenti u tilwim bejn ir-residenti ta' din it-triq. Huwa qal li jekk dawn is-sinjali ser jibqgħu, iridu jsiru s-sinjali fejn ma sarux speċjalment quddiem ta' Pauline.

Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba qal li kellu diversi kuntatti u lmenti mir-residenti ta' din it-triq. Huwa kompla billi qal li sfortunatament dawn il-kwistjonijiet bdew minn pika ta' żewġ residenti u issa qed ibatu r-residenti kollha ta' dik it-triq, iżda mhux biss għax issa qed tinħoloq problema oħra fit-toroq tal-madwar. Il-Kunsillier Carmelo Saliba qal li jemmen li wasal iż-żmien li Triq Skapuċċina tiġi *one way* l-isfel b'*cul de sac* fi Pjazza tal-Virtut biex għal Trejqet l-Andar jidħlu minn isfel. Għal dan kollu, il-Kunsillier Carmelo Saliba ssuġġerixxa li jistenna s-sitt xhur minn meta saru dawn is-sinjali u jerġa' jsir studju u analiżi ta' dan minn persuna teknika.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech qalet li wara stedina lin-nies ta' din it-triq u wara li smajna dak kollu li kellhom xi jgħidu u diskussjonijiet u pariri minn persuni tekniċi saru dawn is-sinjali bi ftiehem mar-residenti. Hi qalet li fejn suppost l-aktar li saru s-sinjali jiġifieri fil-parti d-dejqa għandhom isiru.

Is-Sindku qal li Kunsill preċedenti li kien approva s-sinjali quddiem Sqaq l-Andar ma għamilhomx u dan għaliex kien ser jinħoloq ħafna nkwiet bejn ir-residenti. Meta din id-darba tressqu l-Kunsill biex isiru, is-sindku qal li prova jtawwal ftit għax basar li ser jinħoloq dan l-inkwiet kollu u qal li kien avża lill-kunsilliera kollha bit-tħassib tiegħu. Huwa stqarr li d-dewmien biex isiru s-sinjali u jevita' dawn il-problemi dar kontrih inkluż Trasport Malta u l-Ministeru għal Għawdex jikkuntatjawh biex isiru s-sinjali malajr kemm jista' jkun. Qal ukoll li kien jiġi pressat ukoll mill-Viċi Sindku permezz ta' *emails* biex id-*double yellow lines* isiru malajr kemm jista' jkun. Is-Sindku qal li hu dejjem għamel pressjoni mal-Perit sabiex tintbagħat it-talba tas-sinjali lil Trasport Malta skont it-talba tar-residenti li għamlu huma stess waqt il-laqgħa magħhom u mal-Perit.

Is-Sindku qal li jaqbel li jitneħħew is-sinjali kollha ta' din it-triq għax qed jinħolqu ħafna problemi bejn ir-residenti. Is-Sindku iddikjara li rigward dawn l-ilmenti li daħħlu l-Kunsill hu ser jastjeni u mhu ser jieħu l-ebda deċiżjoni.

Wara diskussjoni twila fuq dawn l-ilmenti, il-membri preżenti kollha qablu biex jerġa' jittieħed parir mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward dawn l-ilmenti.

## 47.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

47.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Christian Cassar staqsa dwar id-dewmien biex isiru d-double yellow lines fi Triq iż-Żebbuġ ħdejn l-impjant tat-tarmac. Huwa qal li dawn ġew ikkonfermati mill-Ministeru għal Għawdex li għandhom isiru. Hawn il-Viċi Sindku saħaq li l-awtoritajiet iridu jħaffu qabel ma sseħħ xi fatalita'.

47.4.2 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba staqsa dwar f'hiex wasal il-permess tal-passaġġ t'Abram. Is-Sindku wieġeb li l-applikazzjoni qiegħdha għand il-*Planning Authority*.

47.4.3 Is-Sinjura Sandra Grech staqsiet dwar meta ser ikompli x-xogħol ta' *finishing* fuq il-latrina tax-Xwejni. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri preżenti li bħalissa l-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel dan ix-xogħol li ser jiswa madwar €20,000. Huwa fakkar li l-Kunsill għad baqalu xi kontijiet pendenti ta' xogħlijiet li diġa saru fosthom Triq Ċaqra, Triq ta' Ċikku, il-Moll tax-Xwejni, Triq Għar Qawqla u Triq ta' Tutiet. Ma' dawn wieħed irid jiftakar li l-Kunsill irid joħroġ ukoll il-parti tiegħu għal Triq Wied l-Infern u Triq Wied l-Abjad. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bagħat *email* lill-Ministeru għal Għawdex dwar il-*finishing* tal-latrina bħalma kien intqal waqt il-laqgħa mal-Ministru.

## 47.5 Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements* għas-sena 2017;

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-Kunsill kopja tal-*financial statements* għas-sena 2017 bl-aġġustamenti li saru mill-awdituri waqt il-proċess tal-awditjar tal-Kunsill. Dawn il-*financial statements* ġew ippreparati mill-Accountant tal-Kunsill.
Wara spjegazzjoni dettaljata mill-Accountant innifsu, il-Kunsill approva l-audited financial statements u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 47.6 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

47.6.1 Il-Kunsill irċieva *email* mingħand Marion Mizzi bis-suġġett 'Laqgħa nformattiva saħħa u obeżita'. Hawn saret talba lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jospita' din il-laqgħa nformattiva. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

47.6.2 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Avukat Mario Scerri b'parir legali li l-Kunsill kien talab rigward ilment li kien sar minn resident mal-Kunsillier Chev C. Saliba dwar qtugħ ta' ħarruba. L-Avukat ta parir lill-Kunsill sabiex jagħmel rapport l-għassa tal-Pulizija formalment. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

47.6.3 Il-Kunsill irċieva ittra u *invoice* mingħand il-*Gozo Action Group* sabiex il-Kunsill iġedded is-sħubija tiegħu fi ħdan dan il-grupp. Il-prezz ta' sħubija jammonta għal €500. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

47.6.4 Il-Kunsill irċieva ittra mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) dwar inċident li kien seħħ bil-vettura tas-Sinjura Carmen Scerri fejn laqtet il-karozza ma' tabella tat-traffiku u għamlet b'€283.20 fi ħsara lill-karozza tagħha. Is-Sinjura Scerri tat ġimgħa ċans lill-Kunsill sabiex iħallas dawn l-ispejjeż. Is-Segretarju qal li dan l-ilment kien ġie mressaq ukoll quddiem il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, iżda peress li s-Sinjura Scerri ma kinitx preżentat id-dokumenti kollha meħtieġa l-ilment ma setax jiġi kkunsidrat. Barra minn hekk, l-Avukat tal-Kunsill kien ta parir lill-Kunsill li ma kienx hemm raġuni valida għall-kumpens ta' dawk l-ispejjeż. F'isem il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex u l-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn, ġiet preżentata risposta mill-Avukat Mario Scerri għall-ittra fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex). Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

47.6.5 Applikazzjonijiet tad-Divertiment

- Matthew Grech obo Petite Events – Wedding Ceremony – Xwejni Salt Pans (site plan attached) - 18/10/2018 – Approvata;
- Matthew Grech obo Petite Events – Lunch – Xwejni Salt Pans (site plan attached) – 23/05/2018 – Approvata;

Il-Kunsill saħaq li l-permessi huma approvati bil-kundizzjoni li jiġu rrispettati l-kundizzjonijiet maħruġa mill-Kunsill.

47.6.6 Ilment 11/2018 – A. Farrugia
Qed jitlob biex isiru ½ metre *double yellow lines* fuq kull naħa tad-*drive way* ta'

'Sweet Harmony', Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Il-Kunsill qabel li għalissa ma jsirux *double yellow lines*.

47.6.7 Ilment 18/2018 – D. Cordina
Jilmenta li hemm ħajt tas-sejjieħ imwaqqa f'Triq tal-Ħamra f'Wied L-Infern. Il-Kunsill qabel li ssir talba lill-Ministeru għal Għawdex.

47.6.8 Ilment 19/2018 – J. Xuereb
Tilmenta biex jerġa' jinżebaħ iċ-ċint tas-salini fix-Xwejni u jitranġa l-ħajt tas-sejjieħ li hemm taħt l-*istore* tal-melħ. Il-Kunsill qabel li jinżebaħ iċ-ċint tas-salini iżda fuq il-ħajt tas-sejjieħ, is-Sindku qal li qiegħed f'kuntatti sabiex jara' kif jista' jġib xi fondi għal dik iż-żona.

47.6.9 Ilment 20/2018 – C. Saguna
Jilmenta li meta saret Triq Ħabel it-Twil, il-ħajt tas-sejjieħ waqa' għal ġo l-għalqa tiegħu u qed jitlob sabiex dan il-ħajt jerġa' jinbena. Il-Kunsill qabel sabiex jibgħat lill-Ministeru għal Għawdex biex isir dan il-ħajt bil-ħaddiema tagħhom.

47.6.10 Ilment 21/2018 – M. Bonnici
Jitlob sabiex titwessa l-bankina wisa ta metru u jsiru bollards peress li sikwit ikissru l-parapett tiegħu x'ħin iduru bil-vettura. Kien hemm qbil dwar dan.

47.6.11 Ilment 22/2018 – D. Cordina obo T.Cini
Qed jitlob biex quddiem l-isqaq fi Triq Madonna taċ-Ċiċri jsir single yellow line. Kien hemm qbil dwar dan.

47.6.12 Il-Viċi Sindku ressaq dawn l-ilmenti u suġġerimenti:

- Jinqata' l-ħaxix fi Triq is-Sellum. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Patching ta' 4 toqbiet kbar fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Biex titneħħa blata kbira li hemm quddiem l-islipway tal-moll tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li x-xogħol għadu mhux lest u din ser titneħħa mill-kuntrattur.
- Biex jitranġaw żewġ ħitan tas-sejjieħ fi Triq Għajn Mhelhel. Il-Kunsill qabel sabiex jibgħat lill-Ministeru għal Għawdex biex isir dan ix-xogħol mill-ħaddiema tagħhom.
- 10 toqbiet ġodda għall-antarjoli madwar id-dawra tal-purċissjoni mill-

għaqda tal-armar. Il-Kunsill qabel dwar dan.

47.6.13 Il-Kunsillier Chev Carmelo Saliba ressaq dawn is-suġġerimenti:

- Issir ħarġa kulturali f'Mejju. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Issir talba lill-Ministeru għal Għawdex sabiex jitranġa dak il-ħadid li sar mas-sies t'Abram. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Isir fanal għax-xema taħt l-istatwa tas-Salve Regina. Il-Kunsill qabel dwar dan.
- Nhar it-Tlieta 24 t'April 2018 waqt l-attivita' ta' dawk li jgħixu waħedhom, jingħata breakfast lil dawk preżenti. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 47.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv;

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM35/2018 tat-Tnejn 12 ta' Marzu 2018 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

## 47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 33/2018 għall-perjodu bejn is-16 ta' Marzu 2018 u d-19 t'April 2018 li tammonta għal €102,142.05 kienet approvata u ffirmata.

## 47.9 Mozzjonijiet;

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 47.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.00 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Erbgħa 16 ta' Mejju 2018 fil-5.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 20 t'April 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| **Nicky Saliba** | **Ryan Debrincat** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |